
HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

L-GHAXAR SENA Nru. 57 | HAL BALZAN | OTTUBRU/DIĊEMBRU 1981



Profili Balzanin

Dun Tarcisio Delicata

Il-Kappillan, Dun Tarcisio Delicata, twieled Birkirkara fil-25 ta' Lulju, 1939 minn Antonio u Concetta nee' Sciberras. Huwa studja fl-iskola primarja ta' B'Kara u wara daħal fis-Seminarju. Matul dan iż-żmien, Tarcisio għadda tfulitu fis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. (fil-qasam ta' Ħal-Balzan) fejn aktar 'l quddiem laħaq ukoll soċju.

Dun Tarcisio ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Marzu 1967 u fl-istess sena huwa ġie maħtur Viċi-Parroku fil-Parroċċa ta' San Girgor tas-Sliema fejn dam sa l-1969 meta reġa' ġie nominat Viċi-Paroku għall-parroċċa tal-Gżira fejn dam xi ftit xhur.

Fl-1970, Dun Tarcisio ġie nominat Kappillan ta' Marsaxlokk mill-Arċisqof Gonzi u ħa l-pussess fl-1 ta' Marzu ta' l-istess sena.

Bħala Kappillan ta' Marsaxlokk, Dun Tarcisio organizza diversi attivitajiet l-aktar fost iż-żgħażagħ, kif ukoll beda jagħmel laqgħat spiritwali għannisa tal-parroċċa. Peress li f' Marsaxlokk ma hemmx għaqdiet reliġjużi ħlief il-MUSEUM huwa kellu jagħmel diversi konferenzi fil-knisja kif ukoll żied quddiesa kull nhar ta' Ħadd.

Taħt it-tmexxija tal-Kappillan Delicata, saru diversi opri fil-knisja ta' Marsaxlokk fosthom l-istatwa tal-Madonna fuq il-luzzu, li tqegħdet fil-faċċata tal-Knisja, niċċa ġdida għall-Madonna ta' Pompei, kif ukoll ħa ħsieb il-bini ta' sala żgħira biex tintuża għal-laqgħat taż-żgħażagħ kif ukoll għar-rekrijazzjoni tan-nies tal-Parroċċa. Fi żmienu saru wkoll diversi xogħlijiet ta' l-irħam, l-ikbar fosthom il-paviment tal-kor.

Peress li każini tal-festa f' Marsaxlokk m'hemmx, il-Kappillan kien jieħu ħsieb l-organizazzjoni tal-festa megħjun biss minn xi individwali. Il-festa titulari ta' Pompei bdiet tiġi organizzata aħjar u għalhekk beda isir il-marċ ta' wara nofs inhar.

Dun Tarcisio Delicata ġie nominat Kappillan ta' Ħal Balzan minn l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca u ħa l-pussess fis-17 t'Ottubru, 1981.

Wara l-pussess huwa ġie mgħoti riċeviment mill-assoċjazzjonijiet kollha ta' Ħal Balzan.



Dun Karm Sciberras

Dun Karm Sciberras twieled Birkirkara fid-9 ta' Mejju, 1920, minn Michele Sciberras u Karmena nee' Grech. Ġie mgħammed fil-knisja ta' Sant'Elena. Studja fl-iskola tal-Gvern, B'Kara, imbagħad fil-Liceo, il-Belt, u fis-Seminarju ta' l-Isqof, il-Furjana. Ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Awissu, 1947. Malli qaddes beda jgħallem fis-Seminarju ta' l-Isqof, fejn baqa' sakemm sar Kappillan ta' Ħal Balzan fl-1 ta' Novembru, 1954.

Matul dan l-perijodu kien Ċerimonier tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara u Kappillan tal-Kor F'Ġunju 1948 sar Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Ġuvintur "San Pietru", ta' B'Kara u mill-1952 sakemm sar Kappillan kien ukoll Viċi-Assistent Ekklesjastiku Djoċesan (illum Ċentrali) tal-Fergħa tal-Ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija.

Ħa l-pussess ta' Kappillan ta' Ħal Balzan fit-12 ta' Diċembru 1954. Hawnhekk huwa sar Assistent Ekklesjastiku taċ-Ċirkoli ta' l-Irġiel, nisa u aktar tard tal-ġuvintur ta' l-AzzjoniKattolika. Waqqaf fil-Parroċċa, separatament minn dak ta' l-irġiel, iċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur "Piju XII" f'Marzu 1957. Ġie elett għal diversi drabi President tal-Kunsill Ċiviku tal-Parroċċa, preċiżament mill-1969.

Jinteressa ruħu fil-letteratura, l-aktar dik Maltija, u kien igħallem il-Malti fis-seminarju, minbarra l-Latin u r-Reliġjon.

Fil-Parroċċa ċċelebra ċentinarji tat-twaqqif tal-Parroċċa (1655-1955), tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù (1856-1956), ta' l-istatwa titulari ta' Marija Assunta (1868-1968), tal-bidu tal-bini tal-Knisja Parrokjali (1669-1969), tal-Fratellanza tas-Sagrament (1575-1975).

Kien hu li bena s-sala Parrokkjali Aurora, li swiet 'il fuq minn £M12,000, u li ġiet inawgurata u mbierka mill-Arċisqof Gonzi fis-6 ta' Mejju, 1962.

Nixtiequ li nistgħu nsemmu xi ftit mill-ħafna opri li huwa għamel fil-knisja tagħna matul iż-żmien li dam Kappillan, iżda l-wisa ma jippermettx. Insemmu biss il-pitura, li l-aħħar darba li sar xi xogħol fiha kien fis-sena 1905. Il-Kappillan Sciberras irnexxielu jkompli s-sitt figuri li kien jonqos fis-saqaf tal-kor, il-kappellun kollu tal-Kurċifiss, u l-koppletta tal-kappellun tar-Rużarju, u anke dan il-kappellun kien jispiċċah ukoll li kieku ma' min kien miftiehem kompla l-wegħda li kien għamillu bil-miktub. Kemm dam Kappillan (kważi 27 sena) huwa kien attiv ħafna fil-Kulleġġ tal-Kappillani, u għal aktar minn 20 sena kien membru tal-Kunsill, jew Kumitat tal-Kappillani u żamm il-karigi ta' Viċi President, Segretarju u Teżorier.

Fl-aħħar tliet snin huwa kien ukoll Dekan tad-Distrett tagħna fil-Knisja ta' Malta, u baqa' hekk sakemm fil-11 ta' Settembru ta' din iss-ena huwa rriżenja minn Kappillan, wara li fil-11 ta' Lulju Monsinjur Arċisqof ħatru Monsinjur Onorarju tal-Kattidral.

Hal Balzan hija taghkom

Iktbu fiha u xerduha

"HAL BALZAN"
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampat fil-
Lux Press
Hamrun.

AD MULTOS ANNOS

Matul il-ħajja ta' raħal jew belt jgħaddu ħafna jiem sbieħ li jibqgħu mfakkraf'moħħ kulħadd.

Hekk kien il-jum 12 ta' Diċembru tas-sena 1954 meta Dun Carmelo Sciberras ħa l-pussess ta' kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal-Balzan, 26 sena li għaddew bħal ħolma.

Mhux ser noqgħodu nsemmu x'ġid sar minn meta Dun Karm Sciberras ħa t-tmexxija tal-Parroċċa minn idejn Dun Ġużepp Minuti, għax dan kulħadd jafu u nibża' li nista' ninsa xi ħaġa li tkun ta' inġustizzja lejh. Il-Knisja dan tafu, wkoll għaliex bħala rikonoxximent nhar il-ħdax ta' Lulju 1981 ħatritu Monsinjur.

Lill-Monsinjur Sciberras mhux ser nitilfuh għaliex huwa sejjer ikompli jgħaqdi l-parroċċa tagħna issa ġiet afdata liż-żagħżugħ Dun Tarċisio Delicata. Ħal Balzan diġa' jafu bħala membru tal-MUSEUM fil- Qasam ta' Ħal-Balzan. Il-ħidma tiegħu fil-Parroċċa ta' Marsaxlokk hija awgurju sabiħ ta' ħidma fejjieda bħala ragħaj pastorali qal il-Balzanin.

Il-Jum tas-17 ta' Ottubru 1981 għalhekk huwa folja oħra sabiħa fil-ġrajjiet ta' Ħal-Balzan.

Minn din il-ħarġa kif ċertament indunajtu bdiet faċċata oħra wkoll, għaliex biex nilħqu aktar il-Balzanin kollha qegħdin nagħmlu sagrifiċċju u nibgħatu l-gazzetta bil-posta f'kull dar, fej mhux possibbli bl-idejn. Sinċerament nixtieq dan il-pass ad multos annos. Nixtiequ li din il-gazzeta tkun il-ħolqa li tgħaqqad il-Balzanin kollha — li tiktbu fiha, li xxerduha — li tħossuha tagħkom. 'Ħal-Balzan' hija tagħkom u aħna lkoll għandna nkunu kburin biha. Ħajr imur lilkom ilkoll, imma speċjalment lil dawk li jippreparawha u lil dawk li jibgħatuhielkom f'darkom.

KIF TIEĦU C-CIRKOSCTANZI TAL-ĦAJJA

Li tgħix kuntent hija arti l-aktar kbira li tinħtieġ sens ta' prattiċità liema bħalha: dak li kellu l-Papa Ġovanni. Ħafna drabi ngħixu mdejqin għax ma nafux nieħdu sewwa ċ-ċirkostanzi tal-ħajja. Tkun xi tkun, u tkun fejn tkun, żgur li tiltaqa' ma' xi ħaġa li ddejqek. Imma, jekk trid tgħix hieni, m'għandekx tħares lejn dik il-ħaġa li ssewwidlek qalbek. Ikun wisq aħjar għalik u għal dawk li jgħixu miegħek jekk int tħares lejn in-naħat kollha ta' kull ċirkostanza u tgħożż dak li hemm tajjeb x'ħin tinsa u twarrab dak li hu ħażin:

"F'kull sitwazzjoni jista' jkun hemm tliet naħat koroh li jdejquk, imma dejjem tista' ssib naħa oħra tajba u ta' ġid."

M'GĦANDEKX TKUN PESSIMISTA

Il-pessimiżmu fil-ħajja huwa tassew ikrah. Meta tersaq fuq ħaddieħor qatt taqtagħlu qalbu, imma qawwihielu. Speċjalment meta titkellem maż-żgħażagħ tagħna. Kellimhom fuq dak li għandhom tajjeb u wriehom kif jistgħu jagħmlu l-ġid u jitjiebu b'dak li għandhom tajjeb. Għax jekk tkellimhom fuq "il-ħażen tal-lum" u l-qerda, jistmelluk u jitwarrbu minnek. Uriehom il-ħażen indirettament billi tkellimhom fuq it-tajjeb li jistgħu jagħmlu. Il-ħajja hija dejjem l-istess; kull żmien kellu l-ħażen tiegħu, għalkemm b'enfasi diversa. U l-Knisja qatt ma kienet perfetta. Jekk hawn il-ħażen inqawwu qalbna u nimxu 'l quddiem biex nirbħuh. Imma mhux nippriedkaw il-qerda. Għax bil-qerda ma nġibu xejn ħlief qerda akbar:

"Hawn xi wħud li ma jarawx ħlief ħażen u qerda; imorru jgħidu li żmienna, ipparagunat ma' qabel, sejjer għall-agħar; u jġibu ruħhom qishom ma tgħallmu xejn mill-istorja, li hija l-imgħallma tal-ħajja u li tgħallimna li qabel kull konċilju ekumeniku li sar qabilna mhux kolox kien miexi perfettament għat-trijonf tal-ħajja u tal-libertà reliġjuża.

"Jidhirli li m'għandix naqbel ma' dawn il-"profeti tal-qerda" li jbassru dejjem żmenijiet koroh, qisha waslet l-aħħar tad-dinja."

Messaggi mill-Kappillan Dun Tarcis Delicata u Mons. Carmelo Sciberras

24, ta' Settembru, 1981

Għeżież Balzanin,

insellmilkom,

Kienet aħbar ta' ferħ għalija meta l-Arċisqof qalli biex nibda x-xogħol tiegħi pastorali fil-parroċċa ta' Ħal Balzan. Mill-banda l-oħra ħassejt niket kbir meta ħsibt li kelli nħalli n-nies ta' Marsaxlokk li tant konna ninħabbu bejnietna.

Lill-qarrejja ta' din il-gazzetta ngħati dan il-messaġġ: Il-Kappillan hu s-saċerdot magħżul mill-Arċisqof biex imexxi u jikkoordina x-xogħol tal-parroċċa għall-ġid spiritwali tar-raħal. Il-Kappillan jista' jilħaq dan il-għan bl-għajnuna t'Alla li qatt ma tonqos u bil- kooperazzjoni tan-nies li fosthom irid jaħdem.

Jiena għandi fiduċja kbira f'Alla li jgħini fix-xogħol tiegħi għax jiena ġejt fostkom fuq ix-xewqa ta' l-Arċisqof. U għandi tama kbira fikom għax naf li inthom lesti li taħdmu miegħi għall-ġid tagħna lkoll. U żgur li mhux se tonqos il-għajnuna tal-Madonna, hija tħobbna lkoll u trid tarana nersqu viċin lejn binha Ġesù.

Il-ħatra ta' kappillan f'parroċċa llum inqisuha bħala l-bidu ta' ħidma pastorali fost il-poplu nisrani. Nixtieq, għalhekk, li nsir nafkom ilkoll personalment u ngħinkom fil-ħtiġijiet, b'mod speċjali, spiritwali tagħkom. Dan ikun l-aqwa xogħol għalija. Barra minn dan fil-parroċċa hawn xogħol ieħor x'isir li jiena nittama li ntemmu bil-għajnuna tagħkom.

Ejjew mela ningħaqdu flimkien, nifhmu lil xulxin u naħdmu flimkien għall-ġid tal-parroċċa u biex ngħatu unur lil Marija Annunzjata.

Dun Tarċis.

F'egħluq il-ħidma tiegħi bħala Kappillan nagħti tislima minn qalbi lil kull wieħed u waħda minnkom, u nwegħedkom li nibqa' niftakar b'sodisfazzjoni għall-ħidma li wettaqna flimkien matul dawn is-sebgħa u għoxrin sena.

Nirringrazzja lil kulħadd għall-koperazzjoni tagħkom. L-ewwelnett lill-qassisin tal-Parroċċa għall-għajnuna tagħhom bla ma taqta'. Mingħajrhom il-ħidma tiegħi kienet tkun bla siwi.

Nirringrazzja lill-imseħbin fil-Għaqdiet ta' apostolat, li wara l-kleru u miegħu kienu dejjem ta' l-akbar faraġ f'dak kollu li kont nixtieq nagħmel għall-ġid tal-Parroċċa. Fosthom insemmi b'mod speċjali lill-membri tal-Kunsill Parrokkjali.

Nirringrazzja lill-Kumitati taż-żewġ Każini li jieħdu ħsieb il-festa esterna ta' Marija Annunzjata, kif ukoll lil dawk kollha li jgħinu fl-armar u l-ġbir għal dan il-għan.

Nirringrazzja lil dawk li b'tant imħabba jieħdu ħsieb il-Knisja ħelwa tagħna u jagħmlu sagrifiċċji ta' ħinhom u saħħithom biex iżommuha kif jixraq. U fl-aħħar nirringrazzja lil kulmin b'mod jew ieħor għeni biex inkompli mill-aħjar li stajt ix-xoħol li dħalt għalih matul dawn is-snin twal: anke lil min għamilli kuraġġ imqar b'kelma, lil min organizza attivitajiet għall-ġid ta' kull xorta tal-Parroċċa.

Lil kulħadd nixtieq nagħmel sejħa biex ikompli jaħdem ma' Dun Tarċisju, is-suċċessur tiegħi, bħalma ħadem miegħi, jekk mhux aktar.

Il-ħlas tal-ħidma, kull wieħed u waħda minna jistennih biss meta jasal jum il-kontijiet.

Għalkemm jiena ma għadnix il-Kappillan tagħkom, xorta waħda noffrilkom, bħalma ġa offrejtha lill-Kappillan il-ġdid, kull għajnuna li fil-miżerja tiegħi nkun nista' nagħtikom għal li ġej.

Itolbu għalija, bħalma jiena nwegħdkom li nitlob għalikom.

Dun Carm Sciberras.


STOP PRESS

ELEZZJONI ĠENERALI 1981

WAQT LI KONNA FL-ISTAMPA ĦAREĠ IR-RIŻULTAT TA' L-ELEZZJONI ĠENERALI: MALTA LABOUR PARTY 34 KANDIDAT b'109,990 VOTI; PARTIT NAZZJONALISTA: 31 KANDIDAT b'114,195 VOTI.

Dr. Geoffrey Valenzia jinhatar Magistrat

Nhar l-14 ta' Mejju ta' din is-sena, l-Avukat Geoffreħ Valenzia, kien nominat Maġistrat tal-Qorti. Dr. Valenzia, li issa ilu għal xi snin joqgħod Ħal-Balzan, twieled fit-30 ta' Ġunju tas-sena 1947. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ San Alwiġi u mbagħad fl-Università ta' Malta, minn fejn ħa l-grad B.A. u d-dottorat fil-liġi (LL.D). Il-formazzjoni reliġjuża tiegħu ssokta tikber wara sentejn igħix mal-komunità tal-Ġiżwiti fin-Naxxar. Fl-1975, Dr. Valenzia żżewweġ lil Helen, imwielda Pullicino, u għandhom żewġt itfal, John u Nicholas. Kemm ilu jgħix fil-Parroċċa, Dr. Valenzia ħa sehem attiv f'diversi ħidmiet, konnessi l-aktar ma' l-attività reliġjuża tal-Parroċċa. Huwa membru tal-Kunsill Parrokkjali u għal sentejn sħaħ kien segretarju ta' l-istess Kunsill. Kien huwa wkoll li ppropona u ta s-sehem tiegħu biex jitwaqqaf il-'Bookshop' tal-Parroċċa, li jiftaħ kull nhar ta' Ħadd u li jinsab mgħammar b'għadd sabiħ ta' kotba ta' natura reliġjuża.



Lil Dr. Geoffrey Valenzia nifirħulu u, filwaqt li nitolbu għalih, nawgurawlu kull suċċess fil-kariga ġdida tiegħu.

SOSTENITURI

Mrs. J. Brincat "Tancred", St. Francis Street Balzan.
Mr. Benny Cumbo, 40 Three Churches Street, Balzan.
Miss Beatrice Caruana, St. Francis Street, Balzan.

DONAZZJONI

Mr. Aldo Sammut — £M3.

MILL-UFFICĊJU PARROKKJALI

Twieldu għall-grazzja bil-Magħmudija
Alexia Pisani, bint Mario u Andreana
Stephanie Agius, bint Godfrey u Mary Anne
Chantelle Zammit Marmarà, bint Kenneth u Rose
Alan Calleja, bin Joe u Carmen
Michael Galea, bin Alex u Catherine
Kenneth Zammit, bin John u M. Carmen
Caroline Magro, bint John u Maria
Tiana Vella, bint Joe u Joanna
Daniella Croker, bint Joe u Mary Therese
Jacques Guillaumier, bin Tonio u Elfreida
Duncan Camilleri, bin Anthony u Doris
Dorianne Saliba, bint Joe u Mona
Ellieanne Cauchi, bint Joe u Jane
Pamela Mifsud, bint Robert u Joanne
Maximilian Dingli, bin John u Joanna
Adrian Pace, bin Emmanuel u Connie
Dina Maria Barnes, bint John u Sheilla
Marco Lucia, bin Alfredo u Anna
Nadia Borg, bint Mario u Sylvana

Qaddsu mħabbithom biż-żwieġ nisrani
Eric Vella u Esther Licari
Vincent Muscat u Jennifer Vella
Fredrick Micallef u Catherine Fenech
Edgar Gili u Connie Vella
Joseph Licari LL.D. u Tania Vella LL.D.
Anthony Sacco u Carmen Micallef
Carmelo Borg u Maryanne Debattista
Wayne Gasper u Josette Pirotta

Għaddew għall-ħajja ta' dejjem
Rita Muscat
Carmela Debono
Patrick Gatt
Luigi Borg
Costantino Mifsud
Angelo Muscat
Santino Briffa

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

TFAL

Wara waqfa ta' żewġ ħarġiet tal-gazzetta mingħajr il-kompetizzjoni tagħkom minħabba nuqqas ta' spazju, erġajna ħsibna biex nerġgħu nħejjulkom il-kompetizzjoni tagħkom. Għal din id-darba għandkom ANAGRAMMA. Billi forsi hawn tfal li nsew x'inhi anagramma, se nerġgħu nfakkrukom id-definizzjoni tagħha. Anagramma tfisser kelma li minnha stess tista' ssir kelma oħra, jew aħjar fi kliem ieħor tqalleb l-ittri ta' din il-kelma u bihom tifforma kelma oħra. Nagħtu eżempju: minn talab nistgħu nagħmlu Blata, Batal, Btala u Talba.

Mela kull ma għandkom tamgħlu hu li toħorġu kelmiet minn kull waħda minn dawn l-erba' kelmiet: ĦABSI, ĦARSA, ĦASEB, ĦARAT.

Bħas-soltu ibgħatu l-kompetizzjoni tagħkom ġo envelopp magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabrie,l jew impustawh intom stess fil-',Letter Box'' ta' l-istess Każin. Għandkom żmien sa l-aħħar ta' Jannar.

Imma għaliex?

Huma ħafna dawk li matul il-ħajja tagħhom isaqsu lilhom infushom u jgħidu ''Imma għaliex?''

Fil-maġġoranza ta' dawn iċ-ċirkostanzi tista' tinsab it-tweġiba. Dak li kull wieħed għandu jagħmel huwa li janalizza s-sitwazzjoni li jkun jinsab fiha u jara għaliex jinsab f'dik iċ-ċirkostanza.

Inutli li wieħed joqgħod iwaħħal f'dik u fl-oħra mingħajr ma jistudja sewwa ċ-ċirkostanzi kollha u dan żgur li ma jistax jagħmlu fis-saħna tal-mument imma fuq kollox għandu jħalli xi ħin jgħadi u xi kultant anke żmien twil.

F'ħafna drabi ż-żmien jagħtina t-tweġiba, f'drabi oħra ikun meta tneħħi l-għamad tal-kulur, f'drabi oħra meta tipprova tifhem u tiżen iċ-ċirkostanzi kollha.

Imma s-SIGRIET biex tkun tista' tifhem l-għaliex ta' ħafna 'għaliex'' huwa *l-ottimiżmu*.

Dan l-ottimiżmu iżomm ħaj kull speranza fil-bniedem. L-ottimiżmu huwa dak li jżomm dejjem fuq ħaddejna d-daħqa tat-tama.

Hemm każijiet li dan l-ottimiżmu jurina ħafna mir-raġunijiet il-għaliex ikun ġara dak li jkun ġara fuqna.

Iżda hemm każijiet meta lanqas l-ottimiżmu tagħna ma jdawlilna moħna u hawn tidħol it-tama f'Alla. Min jafda f'Alla ma jmut qatt u jara raġunijiet li moħħ il-bniedem ma jifhimhomx. Alla jħobbna tant li żgur mhux ser jitlaqna għal rasna. Alla u l-ottimiżmu huma ċ-ċavetta biex nifhmu ħafna ''għaliex'' li jiġru fostna.

IĊ-ĊENSIMENT TAL-1871

Fit-3 ta' Mejju 1871, sar ċensiment ieħor fil-gżejjer Maltin. Skond dan iċ-ċensiment, il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan kienet tlaħħaq 851 (357 irġiel u 494 nisa),[1] żieda ta' 189 ruħ fuq il-figura taċ-ċensiment tal-1861.[2]

Skond iċ-ċensiment, il-popolazzjoni kienet imqassma fit-toroq hawn taħt imsemmija, u nsibu l-isem ta' Triq Idmejda, li ma jidhirx fiċ-ċensiment tal-1861.

Strada Reale e Vicoli	390
Santa Maria e Vicoli	135
Dietro la Chiesa	13
Tre Chiese	117
Vallone	17
Provvidenza	87
Idmejda	91
Pulizija	1[3]

Iċ-ċensiment tal-1871, bħal dak ta' qablu, jagħtina wkoll tagħrif dwar il-qagħda soċjali tal-Balzanin. In-numru tal-kleru tal-Parroċċa baqa' l-istess bħal dak tal-1861, jiġifieri 14,[4] u mir-Reġistru Elettorali li ġie ppubblikat fit-30 ta' Mejju 1871 nieħdu — ismijiet ta' wħud mill-kleru tal-parroċċa, li kienu: il-Kapilaln Dun Pawlu Liċinju Micallef, Dun Alwiġ Bonnici Mompaloo, Dun Ġann Nikol Debono, Dun Pawl Grech Delicata, Dun Mikiel Imbroll, Dun Ġużepp Muscat, Dun Gejt Mifsud, u Dun Salv Stivala.[5] Ma' dawn l-ismijiet li sibna fir-Reġistru Elettorali, irridu nżidu lir-Rev. Dun Andrea Dingli D.D., li f'dak iż-żmien kellu l-kariga ta' kapillan ta' l-Istitut tal-Bon Pastur,[6] u tar-Rev. Antonio Psaila li kien għadu s-Seminarju qiegħed jistudja għas-saċerdozju.[7]

Fir-raħal kollu fl-1871 kien hemm biss professjonista wieħed li kien avukat. In-numru ta' nobbli li jgħixu fir-raħal kien ta' 8, fil-waqt li dak tal-proprjetarji ta' l-art kien 21. Iżda fl-1871 fir-raħal kien hemm ukoll qabla, tnejn impjegati mal-Gvern, pensjonant tal-Gvern u għalliem.


Bħall-1861, fir-raħal insibu numru ta' nies li kienu jaqilgħu l-ħobż tagħhom mir-raba'. Fil-fatt, fl-1871 insibu 27 bidwi u 61 ħaddiem fir-raba', tmienja kienu jagħmlu xogħol ta' ġardinara, u fir-raħal kollu kien hemm biss ragħaj wieħed.

Insibu wkoll in-nies tas-sengħa. L-akbar numru kien dak ta' bennejja u kaħħala, li kien ilaħħaq 44. Kien hemm ukoll 9 mastrudaxxi, u 3 kienu furnara jew jaħdmu l-għaġin. Iżda fil-waqt li fl-1861 kien hemm ħaddied fir-raħal, fl-1871 ma nsibu l-ebda wieħed.

Oħrajn kienu jaqilgħu ħobżhom mod ieħor. Ħmistax kellhom ħanut, filwaqt li 37 kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-qoton. Disgħa kienu jaħdmu bħala kalessiera jew xufiera, u 16 kienu jaħdmu bil-karettun. Fir-raħal kollu, 9 kellhom il-professjoni ta' tallaba, żieda ta' 2 fuq iċ-ċifra tal-1861.[8]

NOTI

1. Census of Malta, Gozo and Comino taken on 3-5-81 (Malta 1872), p. 2.
2. Ara l-artiklu tiegħi "Tliet Ċensimenti 1842 — 1851 — 1861" fil-gazzetta **Ħal Balzan** Jannar/Marzu 1980. Kull riferenza għaċ-ċensiment tal-1861 hija għal dan l-artiklu.
3. Census of Malta, Gozo and Comino 3-5-1871, p. cit. p. 26.
4. Ibid. p. 58.
5. M(alta) K(atidral) M(alta) Concorsi Vol. III Balzan 1874, f.290 R.
7. Dun Anton Psaila ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1871. Ara A.K.A. R.O. 17 f 71 R.
8. Census of Malta, Gozo and Comino 3-5-1871, op. cit. pp. 58, 60, 62.



SKARPOLI

GHAL KULL XORTA TA' TISWIJIET TA' ZRABEN

TRIQ IL-KBIRA - BALZAN

Il-Milied it-Tajjeb u Sena Gdida mimlija Gid u Barka tal-Mulej

Jum wara l-ieħor waslu l-festi sbieħ tal-Milied u tas-sena l-ġdida. Jiem li jferrħu kull qalb. Nibdew naħsbu lkoll minn ħafna qabel u naraw kif ser inżejnu d-dar u kif ser nagħmlu lil uliedna ferħanin.

Naħsbu biex nibgħatu t-tislijiet it-tajba lil qrabatna u lil ħbiebna. Nibdew naħsbu x'ser nieklu f'dawn il-jiem. Dawn huma jiem ta' hena u ta' għaqda.

Il-ġenituri lkoll jixtiequ li f'dawn il-jiem jgħaduh flimkien ma' wliedhom. U tassew li hekk għandu jkun għaliex il-Milied hija l-festa ta' l-imħabba.

Din il-festa mhix festa komuni. Il-festa tal-Milied hija festa ta' l-akbar imħabba. Hija l-festa tal-bidu tat-twettiq tar-redenzjoni tagħna. Alla sar bniedem fostna biex b'mewtu bħala bniedem jagħtina l-ħajja ta' dejjem.

Mhux għalxejn mela għandna nifirħu: TWIELED ĠESU', ALLA L-FEDDEJ.

Aħna bħala nsara rridu nipprattikaw l-fidi tagħna u wieħed mill-kmandamenti tagħna huwa li nħobbu lil kulħadd bħal aħwa.

Matul is-sena li għaddiet doqna l-ħelu u l-imrar tal-ħajja. Għamilna ħbieb ġodda imma bid-diffikultajiet tal-ħajja ta' madwarna u bil-fraġilità tagħna l-bnedmin kellna żgur għadd ta' differenzi ma' sħabna.

Dawn huma l-jiem fejn dawn id-differenzi jitwarrbu min-nofs u tidħol flokhom l-imħabba. Ninsew id-differenzi ta' bejnietna. X'hawn isbaħ mill-imħabba. X'hawn isbaħ mill-għaqda! Alla ħalaqna biex inkunu ferħanin. Alla ħalaqna biex ngħixu flimkien u mhux biex naħarbu lil xulxin. Alla ħalaqna biex inħobu lil xulxin u mhux nobgħodu lil xulxin.

Ħafna drabi d-differenzi ta' bejnietna meta tiflihom sewwa issib li fil-maġġoranza tagħhom huma bbażati fuq ħmerijiet; fuq gosti jew nuqqas ta' gosti; fuq l-ebusija tar-ras jew fuq "l-irġulija?" Dawn kollha jisparixxu b'daqsxejn sens ta' rieda tajba.

Ejjew nifirħu lkoll f'dawn il-jiem — jiem ta' festi — jiem ta' mħabba — jiem ta' għaqda — jiem ta' maħfra — jiem ta' tiġdid.

Missirijietna u anke sal-lum f'għadd ta' pajjiżi għadha teżisti d-drawwa li fil-festi tal-Milied jekk matul is-sena jkun naqas xi ħadd mil-familja tagħhom li soltu jkun magħhom għal-ikla tal-Milied iħallu s-siġġu tiegħu vojt biex għalkemm ikun nieqes iħossu l-preżenza tiegħu f'dawn il-jiem ta' mħabba.

Huwa sens ta' sodisfazzjon individwali li meta persuna tkun qegħda tbati jkollha lil xi ħadd biex bil-preżenza tiegħu jkun qiegħed itaffi xi ftit mill-piż li dak li jkun qiegħed iġorr. Hekk ukoll huwa ta' sodisfazzjon li meta persuna tkun qiegħda tieħu gost ikollha lil ħaddieħor magħha biex tipparteċipa fil-ferħ li jkun qiegħed iħoss.

F'Malta bħal postijiet oħra għandna l-użanza sabiħa li f'dawn il-jiem sbieħ tal-Milied immorru għadd sabiħ ta' parties. Immoru u nieħdu gost imma noqgħodu ferm attenti biex bil-preżenza tagħna ma naqqsux mill-ferħ ta' ħaddieħor Ma nesaġerawx fix-xorb. Ma nesaġerawx fid-diskorsi tagħna. Ma nibdewx diskursati ta' natura polemika. Ma nitkellmux fuq mard u disgrazzji.

Fuq kollox inżommu lsienna nadif.

Jekk inkunu mistiedna għand xi ħbieb jew qrabatna ma morrux qabel il-ħin jew indumu tard ħafna. Ftakar li minn stiednek ikun irid inaddaf wara li jitilqu l-mistednin.

Jekk inti tistieden lil ħaddieħor toqgħodx tipprova iżżommu ħafna fit-tard jekk inti tara li huwa jkun jixtieq jitlaq.

Il-poplu tagħna huwa poplu nisrani u kattoliku u għalhekk għandu jifhem sewwa is-sinifikat ta' dawn il-festi. Inutli li nixxalaw, nieklu u nifirħu jekk ma jokllnix il-paċi tal-Mulej. Dan huwa jum imqaddes għaliex qegħdin niċċelebraw it-twelid tal-Feddej. Twieled Ġesù li qiegħed fostna. Ħafna għandhom l-idea żbaljata li l-Milied huwa l-festa tat-tfal. Veru li ngħatu r-rigali lit-tfal imma l-Milied hija l-festa tagħna lkoll. Ġesù twieled għal kull wieħed u waħda minna. Jeħtieġ għalhekk inġeddu lilna nfusna kemm f'dak li huwa spiritwali kif ukoll f'dak li mhux.

Sejjrin nibdew sena ġdida, sejrin nagħmlu għadd ta' risoluzzjonijiet. Għadiet sena li żgur mhix sejra tiġi lura imma fiha tgħallimna ħafna, nutilizżaw dan it-tagħlim għal ġid tagħna u ta' sħabna fis-sena li ġejja li bil-għajnuna tal-Mulej tkun aħjar minn ta' qabilha.



KIF GĦANDEK TITKELLEM MA' ĦADDIEĦOR

Hawn ħafna li jħobbu jitkellmu mirqum u għoli u dawn jaħsbu li jidhru kbar quddiem in-nies. Issib min ifaħħar lil dawn in-nies u jgħidilhom "bravi" u "profondi". Imma mhux kulħadd jifhmek u jibqa' jiftakar dak li għidt. Kristu hekk kien jitkellem. Il-Papa Ġovanni kien jitkellem hekk ukoll, qisu qed jitkellem ma' Alla. Meta tkellem lil Alla fit-talb tiegħek, tkellmu bis-sempliċità u l-umiltà kollha jekk int rasek fuq għonqok. U jekk tkellem hekk ukoll lil ħutek il-bnedmin, dawn żgur jifhmuk, iħobbuk u jgħożżu kliemek:

"Inkellimkom b'mod sempliċi, għax dak li hu sempliċi huwa naturali, u dak li hu naturali ġej minn Alla."

Mid-diskors li għamel meta ġie magħżul Papa:

"Inkellem lill-bnedmin bħal ma nitħaddet ma' Alla: bl-umiltà u s-sempliċità kollha."

Milied u Sena hienja mimlija b'dak kollu li tixtieq qalbkom lill-Balzanin kollha u lill-qarrejja ta' din il-gazzetta

